# FESTA DIFFERENTI

Din is-sena l-festa hija differenti minn tas-soltu. M'aħniex se nagħmlu l-purċissjoni. Imma b'daqshekk ma jfissirx li inqas intensa mis-soltu. Veru li l-pandemija tellfitna minn ħafna affarijiet. Imma kull ġrajja għandha sservina ta' grazzja. Dak li tlifna dis-sena jista' jgħinna biex nakkwistaw iktar affarijiet ta' siwi. Fl-aħħar mill-aħħar mhux il-purċissjoni hija ċ-ċentru tal-festa imma dik l-esperjenza ta' ferħ u paċi li ngħixu għax inkunu sewwa ma' Kristu, billi nimitaw lil Pietru u Pawlu. Hemm xi affarijiet li dis-sena nistgħu nagħmluhom b'iktar kalma u ħsieb:



- Ngħaddu iktar ħin mal-familja;
- Nagħmlu xi ħaġa speċjali d-dar, bħal ikla li għaliha jkun preżenti kulħadd;
- Infakkarkom fl-opportunità għall-qrar das-Sibt 26 ta' Ġunju mis-6:00am sal-10:00am u mill-5:00pm sas-7:30pm.
- Nitolbu lil San Pietru u San Pawl biex jgħallmuna l-kuraġġ, l-imħabba u sabiex nibqgħu ffukati fuq Kristu li għalih huma taw kollox.

## Il-festa t-tajba lil kulħadd!

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**SALA PARROKKJALI: Is-Sibt:** fis-6:00pm (issir fil-bitħa tal-Mużew Marittimu)
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am

## AVVIŻI:

**KOTBA:** bħalissa mill-Uffiċċju Parrokkjali qegħdin inbigħu tliet kotba li huma utli u interessanti.

It-Tabib Mario Saliba għadu kif ippubblika l-ktieb: *Ħajja u Mewt, il-Mard u s-Saħħa f'Għawdex fi Żmien l-Arċipriet Dun Martin Camilleri 1910-1921.* Fost l-oħrajn dan il-ktieb jagħti tagħrif dwar il-ħajja soċjali fil-bidu tas-seklu 20, il-ħidmiet ta' Dun Martin u kif laqtet lil pajjiżna l-pandemija tal-Influwenza Spanjola.

Daniel Meilak ippubblika l-ktieb: *Dun Martin - Ħajtu u Ħidmietu*. Dan il-ktieb jiffoka fuq il-persuna ta' Dun Martin Camilleri u kif ikkontribwixxa fil-ħajja pastorali, soċjali u artistika tan-Nadur.

Dawn iż-żewġ kotba nistgħu ngħidu li jikkumplimentaw lil xulxin. Il-qligħ mill-bejgħ tal-kotba jmur għall-parroċċa.

**KTIEB MIĊ-ĊENTRU PARROKKJALI:** akkwistaw kopja tal-ktieb, *An encounter with God in the Garden*, li għadu kif ħareġ f'dawn il-jiem. Dan il-ktieb huwa traduzzjoni mill-Malti magħmula minn Antonia Sammut. Il-qligħ li jsir mill-bejgħ ta' dan il-ktieb imur għaċ-Ċentru taż-Żgħażagħ.
Kopji tal-ktieb jinkisbu miċ-Ċentru u mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**GĦAL TAN-NAR:** nhar it-Tnejn 28 ta' Ġunju fil-11:00am se ssir quddiesa fl-għalqa tan-nar. Din se tkun għal ruħ Brian Portelli u Ġanni Borg. Il-membri attwali u l-ex membri tal-Kumitat tan-Nar huma lkoll mistednin għal din il-quddiesa.

**ATTIVITÀ GĦAT-TFAL DAS-SAJF:** kull nhar ta' Ġimgħa fix-xahar ta' Lulju se jsir MERCATINO (suq) tat-tfal, fil-bitħa tal-Mużew Marittimu mill-5:00pm sad-9:00pm. It-tfal huma mistednin li jġibu xi oġġetti li jixtiequ jpartuhom ma' sħabhom. Dawn jistgħu jkunu toys, kotba, games jew xi oġġetti oħrajn. Din l-attività hija organizzata minn żewġ residenti Taljani fin-Nadur, Anna Maria Cascone u Pietro Tirro. L-ewwel attività se ssir nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Lulju. Tiltaqgħu fil-bitħa u fis-Sala Parrokkjali ta' Triq Xandriku. Ġibu xi ħaġa li tridu tpartu ma' sħabkom.

**IS-SENSIELA 'MILL-PATRIMONJU NADURI':** fl-okkażjoni tal-festa tal-Imnarja għadha kemm ġiet ippubblikata t-tielet kartolina li turi l-Urna tal-katina ta' San Pietru li tinsab fil-Parroċċa tagħna u li din is-sena tagħlaq mitt sena fostna. Din il-kartolina tista' tinkiseb għall-prezz ta' €2 mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mingħand il-Kan. Reuben Micallef.